MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 256/2003/1

**Sharon Brownrigg**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-1 ta' Gunju, 2006. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta hawn kollha kemm hi ghaliex, apparti l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjoni fiha kontenuta, l-istess sentenza fiha t-talbiet rispettivi tal-kontendenti kif ukoll l-eccezzjonijiet li

huma taw kontra l-istess talbiet reciproki. Is-sentenza appellata hija din

**"Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fil-11 ta' Ottubru 1998, minn liema zwieg twieldet tifla jisimha Ilona Portelli Brownrigg li llum ghandha tlett snin;

"Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

"Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'Digriet numru 70/2003 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

"Premess illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

"2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Ilona f'idejn l-attrici.

"3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmi minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

"4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

"5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

"6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

"7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

"8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

"1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa’, b’dan illi s-separazzjoni personali tal-partijiet hija necessarja ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attrici;

"2. Illi dwar it-tieni talba attrici, ghalkemm l-esponent jaqbel li l-minuri Ilona Portelli Brownrigg tqatta’ aktar hin ma’ ommha in vista ta’ l-eta’ taghha, ma hemm l-ebda raguni ghalfejn il-kura u l-kustodja ma ghandhiex tkun kongunta;

"3. Illi dwar it-tielet talba attrici, filwaqt illi jaqbel li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri ma ghandux ikun hemm manteniment ghall-attrici, stante li hija

perfettament kapaci tahdem, u fil-fatt iddikjarat dan quddiem is-Sekond’ Awla u kienet hi stess quddiem is-Sekond’ Awla li rrinunzjat ghat-talba taghha ghall-manteniment ghaliha;

"4. Illi r-raba’ talba m’ghandhiex tintlaqa’ billi ma jissustistux ic-cirkostanzi li jaghtu lok ghall-applikazzjoni ta’ l-artikoli 48 et seq. tal-Kap. 16;

"5. Illi l-hames talba attrici ghandha tintlaqa’, wara li jigi stabbiliti liema huma l-assi tal-komunjoni u liema huma l-assi parafernali tal-partijiet, u likwidati u sodisfatti l-krediti parafernali ta’ l-eccipjent fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

"6. Illi s-sitt talba attrici ghandha tintlaqa;

"7. Illi dwar is-seba’ talba attrici, l-eccipjent ma ghandu fil-pussess tieghu l-ebda assi parafernali jew dotali ta’ l-attrici;

"8. Illi l-konvenut jaderixxi mat-tmien talba attrici;

"Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

"Premess illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni attrici sabiex jipproponi s-segwenti kontrotalba tieghu a tenur ta’ l-artikolu 396 Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu tali kontrotalba gejja mill-istess fatti li minnhom gejjin it-talbiet attrici;

"Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet mghadhiex possibbli bhala konsegwenza ta’ abbandun da parti ta’ l-attrici rikonvenuta tad-dar matrimonjali, kif ukoll ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, u ingurji gravi da parti taghha, u ghaliex kienet hi li kissret iz-zwieg irrevokabbilment;

"Premess illi l-partijiet ghandhom tifla minuri jisimha Ilona Portelli Brownrigg illi ghandha tliet snin;

"Premess illi l-partijiet ma sehhilhomx jaslu ghal separazzjoni bonarja minhabba nuqqas ta’ qbil dwar il-beni u l-krediti parafernali rispettivi taghhom;

"Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta ghaliex mghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta, u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin;

"2. Tikkoncedi lill-partijiet il-kura u l-kustodja kongunta tal-minuri Ilona Portelli Brownrigg, soggett ghal dawk il-hinijiet u modalitajiet ta’ access separat tal-partijiet li jidrilha din l-Onorabbli Qorti;

"3. Tapplika kontral-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet imposti jew imponibbli ai termini ta’ l-artikoli 48 et seq. Kap 16 Ligijiet ta’ Malta;

"4. Tiddikjara liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u liema huma l-beni formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom, kif ukoll tillikwida l-krediti parafernali li ghandhom il-partijiet fil-konfront ta’ xulxin jew fil-konfront tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

"5. Tillikwida u xxolji l-komproprjeta’ ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi taqsam il-beni parafernali komuni u l-beni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti f’zewg porzjonijiet skond id-drittijiet rispettivi tal-partijiet u billi tissodisfa l-krediti parafernali rispettivi tal-partijiet;

"6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-atti necessarji f’dik id-data, hin u lok li tiddeciedi l-Qorti u tahtar kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

"Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta, bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-attrici rikonvenuta msejjha minn issa in subizzjoni.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

"1. Illi filwaqt illi l-attrici taqbel li ghandu jkun hemm separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha, hija tecepixxi li z-zwieg tfarrak minhabba ragunijiet imputabbli lil zewgha l-konvenut, fosthom swat u aggressjoni kontinwa.

"2. Illi t-tieni talba tal-konvenuta ghandha tigi michuda u l-kura u l-kustodja tal-minuri Ilona Portelli Brownrigg tigi fdata b'mod esklussiv lill-attrici u ma tkunx kura u kustodja kongunta u dana peress illi l-konvenut Joseph Portelli mhux kapaci jiehu hsieb tfal minuri.

"3. Illi ma jezistux ragunijiet validi fil-ligi l'ghaliex din l-Onor. Qorti ghandha tapplika kontra r-rikonvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-Art. 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Illi hemm qbil li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'dana illi l-eccipjenti biss kellha krediti parafernali u zewgha l-konvenut ma ghandu jew gab mieghu ebda kreditu parafernali.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

"Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti minnu debitament mahlufa;

"Rat il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2006 rigwardanti l-pretensjoni tal-manteniment ghall-attrici u ghal binthom minuri; [fol.395]

"Rat l-atti kollha tal-kawza;

"Semghet xhieda bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

***"[1] Separazzjoni personali***

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba relattiva l-partijiet qeghdin jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejniethom stante li z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment; u dan ghar-ragunijiet li huma qed jimputaw lil xulxin; izda filwaqt li l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha fuq dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, il-konvenut minn naha tieghu qed jattribwixxi lill-attrici l-istess fatturi indikati f' dawn l-Artikoli, oltre dak kontemplat fl-Artikolu 41 tal-istess Kap. Fin-noti ta' l-eccezzjonijiet rispettivi taghhom il-partijiet cahdu l-imputazzjonijiet reciproci maghmula kontra taghhom.

"Illi inoltre l-partijiet qed jitlobu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali.

"Mill-kumpless tal-provi ddelinea segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet kienu zzewwgu fil-11 ta' Ottubru 1998 wara gherusija ta' circa tlett snin, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li ghadha minorenni. Fi zmien bikri taz-zwieg beda jinqala' l-inkwiet bejniethom, li eventwalment wassal sabiex l-attrici titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tifla u tmur tghix mal-genituri taghha.

"Illi rigward ic-cirkostanzi li wasslu lill-attrici sabiex tiehu dan il-pass u li eventwalament wasslu ghal proceduri odjerni, il-Qorti tosserva li l-partijiet taw versjoni konfliggenti.

"Il-versjoni attrici hi fis-sens li l-konvenut wara z-zwieg inbidel hesrem u wera' li dan kien mahkum minn ghijra kbira ghal martu, liema fattur kellhu bhala konsegwenza tieghu l-fatt li l-konvenut kien ikun aggressiv verbalment lejn martu, jinfexx f' tghajjir, insulenzi u theddid. Kien ukoll xhih maghha. Kagun ta' dawn il-fatturi r-relazzjoni maritali bejn il-koppja tant ddigenerat li l-attrici ma felhitx izjed u kellha titlaq mid-dar konjugali u ssib refugju ghand il-genituri taghha. Din il-versjoni ssib konfort fl-affidavit tal-familjari ta' l-attrici, senjatament dawk tal-genituri taghha.

"Il-versjoni tal-konvenut, ukoll konfermata f' certu aspetti minn membri tal-familja tieghu, in sostanza hija fis-sens li l-attrici telqet mid-dar konjugali peress li kellha relazzjoni extra maritali. Huwa jghid li hajja flimkien ma kellhomx u li hi kienet tqatta' l-gurnata kollha barra ghalkemm f' dak iz-zmien ma kienitx tahdem, u kienet titraskura x-xoghol tad-dar. Il-konvenut jiddeskrivi lill-attrici bhala mara kapriccjuza fejn jidhlu l-flus, u ukoll li kienet riluttanti fir-relazzjonijiet intimi mal-konvenut. Huwa cahad l-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu.

"Illi f' dawn il-proceduri xehedet Nathalie Farrugia[1] li kienet il-gar taghhom u ghalhekk kienet tafhom it-tnejn. Fid-deposizzjoni taghha din tghid li qabel ma l-konjugi sseparaw de facto, hija kienet familjari aktar ma' l-attrici, izda wara, saret taf aktar lill-konvenut.

"Illi kif jinsab ritenut fil-kawza *App.C. Angelo Sant vs Paul Sant deciza 27.05.2005*, meta si tratta ta' zewg versjonijiet kontrastanti, il-kaz necessarjament jirriduci ruhu f' wiehed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija. "Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn humiex <u>fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili</u>. Dan fuq il-bilanc tal-<u>probabilitajiet</u>, substrat baziku ta' l-azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. [*PA George Bugeja vs CMejlak – 30.10.2005*]. B' hekk il-Qorti ghandha tara jekk il-verzjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet, u b'hekk tevita li taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju fil-regola *in dubio pro reo*.

"B' mod aktar specifiku ghall-kazijiet ta' tilwim matrimonjali gie osservat fil-kawza *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella – 28.02.2003* li, ghalkemm kull parti fil-kawza tista' tixhed; izda din il-prova *e' da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendento la sua <u>efficacia</u> principalmente dalle deduzione che una sana critica,*

[1] Dep. fol.337 et seq

*tenuto conto dell' interesse manifesto del deponente, puo' inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova, e sopratutto dal confronto delle disposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personali dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche.. [PA Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia – 7.03.1919]*

"Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari, tenut kont tal-aspetti saljenti tal-hajja matrimonjali u mhux ta' incidenti izolati.

"Fil-kaz in disamina l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-attrici meta din tafferma li hija telqet mid-dar konjugali minhabba l-komportament abuziv da parti tal-konvenut; izda minn naha l-ohra il-Qorti ma tistax tinjora dak allegat mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici dwar relazzjoni extra matrimonjali, liema allegazzjoni ssib konfort fix-xhieda ta'l-imsemmija Nathalie Farrugia. Ghalkemm dan jinsab michud kategorikament mill-attrici, din il-Qorti tosserva li mill-atti ma tirrizultax raguni valida li in bazi taghha ghandha tqis bhala inveritiera x-xhieda ta' l-istess Nathalie Farrugia.

"Ghaldaqstant fid-dawl ta dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz gie sodisfacentement provat li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremidjabbilment in bazi ghall-fattur ta' ingurja gravi da parti taz-zewg konjugi fil-konfront ta' xulxin;  kif ukoll ta' sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta martu l-attrici. Izda minn naha l-ohra l-akkuzi ta' abbandun u ta' adulterju da parti ta' l-attrici ma jreggux.

"Rigward l-abbandun jigi osservat li fil-kaz odjern dan jinsab priv mill-element tal-illegalita' u ma jidholx fit-termini ta' l-Artikolu 41, stante li ma rrizultax li l-attrici abbandunat

id-dar konjugali minghajr raguni valida. Mill-provi jirrizulta li t-tluq taghha mid-dar matrimonjali kien provokat mill-komportament abusiv ta’ zewgha fil-konfront taghha, tant li hija kellha tiehu refugju fid-dar tal-genituri taghha fejn qeda tghix fil-prezent flimkien mat-tifla tal-konjugi.

"Rigward l-adulterju, bhala wiehed mir-ragunijiet tal-kontro talba tal-konvenut jinsab ritenut fil-gurisprudenza li minhabba d-diffikulta’ tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista’ jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta’ konkubinat. L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta’ tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b’ mod li ma jhallu ebda dubju f’ min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza de visu *[PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*. Fil-kaz in dizamina din it-tip ta’ prova fil-konfront ta’ l-attrici hija lampantament mankanti, u ghalhekk din l-imputazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu ma tistax treggi ghax mhux sostnuta mill-provi.

"Stabbilita r-responsabilita’ kongunta tal-partijiet ghas-separazzjonijiet personali bejniethom, il-Qorti f’ dan l-istadju ser tghaddi biex tiddecidi fuq l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni. F’ dan ir-rigward tirrileva li hija tikkondividi l-konsiderazzjonijet maghmula mill-perit legali u l-konkluzjonijiet minnu raggjunti fir-relazzjoni tieghu [fols.363 sa 372], u salv ghal xi tibdiliet zghar li kif ser jigi spjegat, taddottahom b’ mod li ghandhom jifformaw parti intergrali mill-gudizzju odjern.

***"[2] Kura u Kustodja tat-tifla Ilona***

"Fil-kaz odjern l-interess tal-minuri jirrikjedi li dina tibqa’ tghix ma’ ommha l-attrici li ser jinghata lilha l-kura u kustodja taghha, salv pero’ li decizjonijiet ta’ natura straordinarja fejn jidhlu edukazzjoni u sahha dawn

ghandhom jittiehdu miz-zewg konjugi flimkien. Il-missier ikollu access ghal bintu kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn il-5.00 pm u 7.00 pm u darba kull nhar ta' Sbit jew n-nhar ta' Hadd, alternattivament, bejn id-9.00 am sal-4.00 pm. Illi waqt l-access tal-missier m' ghandux ikun hemm prezenti terzi tas-sess oppost u li ma jkunux familjari tal-konvenut.

***"[3] Manteniment***

"Illi dan jinsab stabbilit pacifikatament bejn il-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2006 [fol.395] fis-sens li l-attrici rrinunzjat ghad-dritt tal-manteniment ghaliha izda l-konvenut obbliga ruhhu li jivversa manteniment ghal tifla tieghu ta' mitt lira maltin [Lm100] fix-xahar; filwaqt li l-ispejjez medici u ta' edukazzjoni tat-tifla ghandhom jigu soppportati bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali wara l-produzzjoni tad-debiti ricevuti. Dan l-arrangament jibqa' jghodd sakemm it-tifla ssir maggorenni.

"Illi fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li t-talba ta' l-attrici sabiex il-manteniment dovut ghal minuri jigi kapitalizzat u jinghata lill-attrici bhala 'lump payment' f' somma globali li ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha. Jigi osservat in propositu li l-imghax li ser jakkumula minn fuq is-somma maz-zmien jservi ta' kumpens ghal varjazzjoni fir-rata ta' l-inflazzjoni u zieda fil-prezzijiet. Din is-somma li tkopri l-perijodu li jestendi mill-1 ta' Gunju 2006 sal-31 ta' Dicembru 2017 meta t-tifla ssir maggjorenni, tammonta ghal Lm13,900[2], liema ammont ghandu jitnaqqas mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

***"[4] Dekadenza drittijet civili***

"Il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li m' ghandux jkun hemm dekadenza mid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48, 51 u 55A tal-Kap.16

[2] Mill-1 ta' Gunju 2006 sal-31 ta' Dicembru 2017 [11 il-sena u seba xhur]

***"[5] Dar Matrimonjali***

"Il-Qorti taqbel mal-perit legali li d-dar matrimonjali bl-isem “Sweet Dream” Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta Birkirkara, li mill-provi jirrizulta pacifiku li tappartjeni liz-zewg konjugi in komproprjeta’ bejniethom, ghandha tinbigh bis-subbasta, jew jekk il-partijiet jiftehmu fis-suq liberu, fiz-zmien sena millum, u r-rikavat ghandu jinqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

***"[6] Komunjoni ta’ l-Akkwisti***

*"Mobbli*

"Illi l-oggetti mobbli kollha indikati mill-attrici fin-nota taghha a fols.33 tal-process bhala oggetti mixtrija fiz-zwieg, il-flus taghha u tal-minuri li ddahlu fiz-zwieg, ishma tal-Wignacourt Funds, u flus deposiztati barra minn Malta fl-ammont ta Lm18,000;  u li dwarhom jidher li ma hemmx kontestazzjoni, dawn ghandhom jinqasmu f’ zewg porzjonijiet ta l-istess valur u jinghataw lil kull parti.

*"Immobbli*

"Iz-zewg garaxxijiet li jinsabu fi plots 21 u 22 fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta Birkirkara li skond qbil bejn il-partijiet ghandhom valur ta’ Lm6,000 il-wiehed, ghandhom jitqiesu bhala formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghandhom jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinghata lill-partijiet f’ zewg partijiet ugwali, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor.

*"Flus kontanti*

"Id-diversi flejjes f’ kontijiet bankarji Maltin u esteri u ishma li ghandhom il-partijiet ghandhom jigu rezi likwidi u maqsuma bejniethom bin-nofs.  Il-kontijiet bankarji f’ isem it-tifla Ilona ghandhom jibqghu fuq isem il-minuri, u amministrati konguntament bejn il-partijiet.

*"Krediti u pretensjonijiet ohra*

"F’ dan ir-rigward il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghar-rapport tal-perit legali that l-istess intestatura [fol.371], tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut is-somma ta’ Lm150, filwaqt li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici s-somma ta’ Lm1,750.

"In propositu ghall-allegazzjoni tal-konvenut li mis-somma ta’ Lm8,000 migbuda minnu mill-bank, insteraq l-ammont ta’ Lm4,500 din il-Qorti ma tistax tinjora l-asserzjoni tal-Ispettur investigattiv tal-pulizija Kevin Farrugia meta fix-xhieda tieghu [fol.225] qal li, wara li ezamina r-rapport maghmul mill-konvenut, huwa ma ghandu ebda raguni ghalfejn jissuspetta li s-serq rapportat kien wiehed simulat. Ghaldaqstant l-ilment ta’ l-attrici, li dan is-serq kien wiehed simulat u li l-konvenut ma kienx veritier f’ dan ir-rigward, mhuwiex gustifikat ghax mhux sostnut minn provi adegwati, izda huwa frott biss ta’ suspetti da parti ta’ l-attrici.

"L-istess konsiderazzjoni tapplika ghal-pretensjoni ta’ l-attrici ghar-refuzjoni da parti tal-konvenut tas-somma ta’ Lm6,000 rapprezentanti nofs il-valur tal-vettura Opel Astra mixtrija waqt iz-zwieg, izda li tinsab registrata fuq isem missieru George Portelli li minn naha tieghu jghid li li l-vettura xtraha hu izda isuqha l-konvenut. Kif tajjeb osserva l-perit legali, l-attrici naqset li tipprova li l-flus ghal din il-vettura hargu mill-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti jew li l-vettura nxtrat mill-konvenut. Fin-nuqqas ta’ provi f’ dan is-sens l-allegazzjoni attrici tibqa’ fondata biss fuq suspett u xejn aktar.

***"[7] Proprjeta’ Parafernali***

"In propositu l-Qorti tikkondividi u taghmel taghha l-kostatazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu that l-istess intestatura. Ghaldaqstant tordna li l-oggetti indikati fir-relazzjoni a fol.367 that in-numru [1], kif ukoll is-somma ta’ tlett elef lira maltin [Lm3,000] indikata that il-partita numru [2] fil-pagna 22 tar-relazzjoni; dawn l-oggetti jirrizulta li huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici u ghandhom jigu ritornati lilha mill-konvenut.

"Rigward il-proprjeta' parafernali tal-konvenut, jirrizulta li dawn jikkonsistu fis-somma ta' tlett elef disa' mija tmienja u hamsin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu [Lm3,958.55], il-mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali, apparti l-oggetti elenkati mill-attrici bhala parafernali taghha, u l-vettura Ford Escort BAR – 732. Dawn l-oggetti parafernali tal-konvenut ghandhom jghaddu lilu.

**"Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut, limitatament kif ser jinghad, u tiddisponi mill-kawza odjerna bil-mod segwenti:

"[A] Tiddikjara s-separazzjoni personali fejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg konjugi, u tawtorizzahom jghixu separatament minn xulxin;

"[B] Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Ilona f'idejn l-attrici bid-dritt ta' l-access ghall-konvenut kif stabbilit fil-paragrafu numru tnejn [2] ta' dan il-gudizzju; salv li decizzjonijiet ta' natura straordinarja fejn jidhlu edukazzjoni u kura medika ghandhom jittiehdu konguntivament bejn iz-zewg konjugi.

"[C] Tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' tlettax il-elf u disa' mitt lira maltin [Lm13,900] kif indikat fil-paragrafu numru tlieta [3] rapprezentant manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri mid-data ta' dan il-gudizzju sad-data li fiha l-minuri ssir maggjorenni; u li din is-somma tigi mnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tad-dar, sakemm il-partijiet ma jirrangawx mod iehor dwar il-modalita' tal-hlas; l-ispejjez medici u ta' edukazzjoni ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-konjugi wara l-produzzjoni tad-debiti ricevuti.

"[D] Tichad it-talbiet reciproci ghad-dekadenza mid-drittijiet civili skond l-Artikolu 48, 51u 55A tal-Kap.16

"[E] Tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali fit-termini tal-paragrafu numru hamsa [5]; u li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet bin-nofs;

"[F] Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bhala konsistenti fl-assi indikati fil-paragrafu sitta [6] ta' dan il-gudizzju, u fit-termini ta' l-istess paragrafu, tordna li l-oggetti mobbli jinqassmu f' zewg porzjonijiet ta' l-istess valur u jinghataw porzjon lil kull parti; tordna li z-zewg garages fuq plots 21 u 22 jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinghata lill-partijiet f' zewg partijiet ugwali, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor; tordna li d-diversi flejjes f' kontijiet bankarji Maltin u esteri u ishma li ghandhom il-partijiet ghandhom jigu rezi likwidi u maqsuma bejniethom bin-nofs, filwaqt li l-kontijiet bankarji f' isem it-tifla Ilona ghandhom jibqghu fuq isem il-minuri, u amministrati konguntivament bejn il-partijiet; inoltre, tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' Lm150, filwaqt li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici s-somma ta' Lm1,750 – u dan kif fuq indikat.

"[G] Rigward il-proprjetajiet parafernali pretizi mill-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tal-paragrafu [7] ta' dan il-gudizzju, u tordna li l-oggetti hemm indikati jigu ritornati lill-parti koncernata, jekk mhux diga' jinsabu fil-pussess taghha – kollox kif indikat fl-imsemmi paragrafu. Inoltre, takkorda lill-attrici l-piena amministrazzjoni tal-proprjeta' parafernali taghha.

"[H] Tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana biex fi zmien xahrejn mill-lum tiffissa gurnata, hin u lok sabiex tircevi l-att pubbliku opportun, u tinnomina lill-Avukat Dottor Neville Camilleri biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att. L-ispejjez tal-kuntratt relattiv ghandu jigi sopportat bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

"[I] Tawtorizza lill-partijiet jew wiehed minnhom tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza.

"L-ispejjez kollha kemm tar-Registru kif ukoll tal-perit legali ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali

bejniethom; filwaqt li l-kumplament ta' l-spejjez jibqghu bla taxxa."

**II L-APPELL**

2. Appella minn din is-sentenza l-konvenut Joseph Portelli b'rikors ta' l-appell ipprezentat minnu fil-21 ta' Gunju, 2006. Ghar-ragunijiet li huwa jsemmi fl-istess rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant Joseph Portelli qieghed jitlob li din il-Qorti sabiex tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

"(i) Rigward il-Kap [A] taghha, tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet htija fl-attrici ghas-separazzjoni u in kwantu ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, filwaqt illi tannullaha, tirrevokaha u tirrexxindiha fejn sabet htija wkoll min-naha tal-konvenut appellant;

"(ii) Rigward il-Kap [B] taghha, tikkonferma s-sentenza appellata;

"(iii) Rigward il-Kap [C] taghha, tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tar-rata ta' manteniment necessarja ghall-kura u z-zamma tat-tifla minuri Ilona Portelli Brownrigg, filwaqt li tannullaha, tirrevokaha u tirrexxindiha fejn ikkapitalizzat tali manteniment o ordnat il-hlas tieghu f'somma wahda minn sehem il-konvenut mir-rikavat mill-bejgh tad-dar, u minflok tordna li l-manteniment jithallas f'rati mensili okkorrendo garantiti permezz ta' ipoteki gudizzjarji; u tikkonfermaha in kwantu ordnat illi spejjez medici u ta' edukazzjoni jithallsu bin-nofs wara l-produzzjoni tad-debiti ricevuti;

"(iv) Rigward il-Kap [D] taghha, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza appellata billi tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut ghad-dekadenza ta' l-attrici mid-drittijiet civili skond l-Artikolu 48, 51 u 55A tal-Kap. 16 filwaqt illi tikkonfermaha fejn cahdet it-talba attrici analoga fil-konfront tal-konvenut;

"(v) Rigward il-Kap [E] taghha, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza appellata billi tassenja d-dar matrimonjali lill-konvenut appellant u tordnah ihallas lill-

attrici l-valur ta' sehemha kif stmat u verbalizzat bonarjament mill-partijiet;

"(vi) Rigward il-Kap [F] taghha, tannulla, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza appellata sa fejn ordnat il-bejgh in subbasta tal-garaxxijiet tal-partijiet u semmaj tordna li jigi assenjati lill-partijiet garaxx kull wiehed, kif ukoll fejn illikwidat il-krediti parafernali tal-partijiet u minflok tichad il-pretensjonijiet ta' krediti parafernali ta' l-attrici u tilqa' t-talbiet tal-konvenut kif fuq spjegat u elaborat; u ghall-kumplament tikkonferma l-istess kap;

"(vii) Rigward il-Kapi [G], [H] u [I] taghha, tikkonferma s-sentenza appellata;

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."

3. L-attrici appellata, Sharon Brownrigg ikkontestat l-appell b'risposta minnha pprezentata fit-13 ta' Lulju, 2006. Hemmhekk hija ressqet is-sottomissjonijiet taghha biex tirribatti l-aggravji li ressaq l-apellant u biha sostniet li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti Joseph Portelli.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. L-appellant Portelli indika erba' aggravji fir-rikors ta' l-appell tieghu, li din il-Qorti sejra tirriassumihom hekk: Bl-ewwel aggravju huwa jissottometti li l-ewwel Qorti messha sabet lill-attrici Sharon Brownrigg unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. Bit-tieni aggravju l-appellant isostni li kien hemm bazi soda u gustifikata li l-attrici tigi dikjarata li ddekadiet mid-drittijiet civili taghha. It-tielet aggravju jishaq li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda htiega li tikkundanna lill-appellant ihallas il-manteniment ta' bintu f'somma wahda kapitali. Bl-ahhar aggravju, l-appellant jikkritika l-provvedimenti li tat l-ewwel Qorti dwar il-krediti parafernali tal-partijiet u dwar l-assenjazzjoni tad-dar u tal-proprjeta` mmobbli. Din il-Qorti sejra titratta dawn l-aggravji fl-ordni fuq indikata.

5. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qieghed jikkritika l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg konjugi. L-appellant qieghed isostni illi l-allegazzjonijiet ta' l-attrici appellata ta' abbuzi da parti tieghu ma jsibu assolutament ebda konfort fil-provi hlief permezz ta' rapporti maghmulha minnha u xhieda li rrepetew l-allegazzjonijiet taghha, mentri l-appellant gab provi li ghandhom iwasslu ghall-konvinciment ta' din il-Qorti li gie kommess adulterju da parti ta' l-attrici. L-appellant irrefera ghas-sottomissjonijiet dettaljati li ghamel il-konvenut fl-atti li kienu quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza.

6. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process dwar dan l-aspett tal-kawza, cioe` dwar min miz-zewg partijiet f'din il-kawza kien jahti ghat-tifrik taz-zwieg. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li z-zewg partijiet ikkontribwew biex iz-zwieg taghhom tfarrak. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, taghti affidament ghax-xiehda ta' l-attrici u l-membri l-ohra tal-familja taghha li sostanzjalment urew lill-konvenut bhala bniedem mahkum minn ghira esagerata ghal martu, liema ghira gieghlitu jissikka hafna lill-martu u li fil-glied u t-tilwim li kien jinqala' bejniethom ma kien jiddejjaq xejn li jzeblah lill-martu b'tghajjir, theddid u insolenzi. L-attrici rrakkuntat kif zewgha ghamlilha hajjitha infern u meta ma felhitx iktar kellha titlaq minn darha u ssib refugju ghand il-genituri taghha. L-ewwel Qorti tat affidabilita` lil din il-verzjoni ta' l-attrici u din il-Qorti ma sabet l-ebda raguni soda li a bazi taghha tista' ticcensura din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

7. L-appellant jichad l-allegazzjonijiet li ghamlet martu fil-konfront tieghu. Huwa ta verzjoni ohra u cioe` li l-attrici telqet mid-dar konjugali ghaliex kellha relazzjoni extra maritali. Huwa jghid li kienet tittraskura x-xoghol tad-dar u kienet tqatta' l-gurnata kollha barra minn darha. Huwa ghalhekk jakkuzza lill-martu b'adulterju u abbandun u jenfasizza hafna x-xiehda li tat Nathalie Farrugia. Id-deposizzjoni dattilografata ta' din il-persuna tinsab a fol. 337 u 338 tal-process. Din il-persuna kienet habiba intima

ta' l-attrici u kienet ilha tafha ghal madwar erba' snin qabel ma' l-attrici telqet mid-dar konjugali. Bazikament hija xehdet li xi granet wara li l-attrici telqet mid-dar hija ltaqghet max-xhud u qaltilha li kellha habib u li gieli harget mieghu. Semmitilha li xtralha msielet u li kien ghenha finanzjarjament. Xehdet li kienet qaltilha li huwa kellu martu u tfal u ried izomm il-familja tieghu. Xehdet li ma kenitx taf xi grad ta' intimita` kien hemm bejn l-attrici u dan ir-ragel. L-ewwel Qorti emmnet ix-xiehda ta' din Nathalie Farrugia u kkonkludiet li l-attrici kienet hatja ta' ingurja gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha. Madanakollu l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-akkuzi tal-konvenut appellant ta' abbandun u ta' adulterju da parti ta' l-attrici ma kenux iregu. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-provi akkwiziti fil-process ma juru ebda bazi soda biex wiehed ikun jista' gustament jiddipartixxi minn din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Dan ghaliex biex ikun hemm il-prova ta' l-adulterju, irid jigi ppruvat sodisfacentement permezz ta' provi diretti jew indizjarji li kien hemm il-kongungiment karnali. Minhabba d-diffikulta` evidenti tal-prova "*de visu*" jew tal-flagranza ta' din l-attivita` intima, l-gurisprudenza tat-tribunali taghna accettat il-principju li ghall-prova ta' l-adulterju ma hemmx il-bzonn ta' tali testimonjanza "de visu", izda jkunu bizzejjed il-konkorrenza ta' provi u cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt. Applikat dan il-principju ghall-provi li ressaq l-appellant, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, kif diga` nghad li l-Qorti ta' l-ewwel grad waslet ghall-konkluzjoni legalment gusta li l-prova ta' l-adulterju ma saritx b'mod sodisfacenti da parti mill-appellant.

8. Il-Qorti nnotat li fir-risposta ta' l-appell tat-13 ta' Lulju 2006, l-appellata allegat li wara li nghatat is-sentenza appellata l-appellant dahhal mara tghix mieghu fid-dar matrimonjali. Ghandu jinghad ukoll li wara li din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza, l-appellant ipprezenta nota, ezattament fil-25 ta' April 2007, li biha gab ghall-attenzjoni tal-Qorti:
"Il-fatt, li ghadu kif sar jaf minghand familjari tieghu, li martu l-attrici kemm ilu l-habs inqabdet tqila, in konferma

ta' relazzjoni adultera minnu suspettata u allegata f'dawn il-proceduri."

Il-Qorti tinnota li hadd mill-partijiet ma talab l-awtorizzazzjoni biex jigu prodotti provi godda in sostenn ta' l-allegazzjonijiet imsemmija. Din il-Qorti tqis ukoll li dawn il-provi anqas jistghu jkunu ta' utilita` ghall-kwistjoni li qeghda tigi investigata, cioe` r-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg, ghaliex l-istess allegazzjonijiet jirrisalu ghaz-zmien ferm wara li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment. Certament dak li qed jallegaw il-kontendenti vicendevolment ma jikkostitwixxux xi kawza li gabet jew ikkontribwiet ghat-tifrik ta' l-istess zwieg, imma, se mai, huma l-konsegwenzi ta' tali tifrik.

9. Michud l-ewwel *gravam* ta' l-appellant, din il-Qorti logikament ma tistax tilqa' t-tieni aggravju ta' l-appellant, li fi kliem stess jikkonsisti fis-segwenti:
"Illi dwar dekadenza minn drittijiet civili, jigi sottomess illi kien hemm bazi soda u gustifikata ghal tali dekadenza min-naha ta' l-attrici, liema bazijiet gew anke riskontrati fil-hajja attribwita lilha ghat-tkissir taz-zwieg."

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li z-zewg kontendenti kkontribwew ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Huwa risaput illi f'kawza ta' separazzjoni huwa mholli f'idejn il-Qorti mil-ligi (Artikolu 52 tal-Kodici Civili Kap. 16) illi tiddeciedi dwar l-applikazzjoni tad-dekadenzi kontemplati fl-Artikoli 48 u 51 ta' l-istess Kodici, fejn il-wiehed u l-iehor mill-mizzewgin ikunu hatja ta' ghemil li jaghti lok ghas-separazzjoni. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad uzat id-diskrezzjoni mhollija lilha mil-ligi korrettement u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dak li ghamlet l-ewwel Qorti taht dan l-aspett. Ghalhekk anke t-tieni aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

10. Bit-tielet aggravju tieghu, l-appellant qieghed jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata li biha huwa gie ordnat li jhallas lill-attrici is-somma ta' Lm13,900 rapprezentanti l-manteniment futur dovut mill-konvenut ghall-minuri mid-data tas-sentenza appellata sad-data li l-minuri ssir

maggorenni. L-appellanti jaqbel li huwa jhallas rata ta' manteniment necessarja ghall-kura u z-zamma tat-tifla minuri Ilona Portelli Brownrigg, cioe` s-somma ta' mitt lira Maltin fix-xahar u jaqbel ukoll li l-ispejjez medici u ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti wara l-produzzjoni tad-debiti ricevuti. Madanakollu, huwa jissottometti bhala t-tielet aggravju tieghu, illi ma kien hemm assolutament l-ebda htiega li huwa jkun ikkundannat ihallas il-manteniment ta' bintu b'somma wahda kapitali, ghaliex huwa qatt ma naqas li jhallas tali manteniment fil-mori tal-kawza. Huwa kompla jissottometti li jekk tali ordni ta' l-ewwel Qorti se tigi kkonfermata, huwa se jkollu oneru eccessiv ghaliex jekk jigi zgumbrat mid-dar konjugali, kif effettivament ordnat l-ewwel Qorti u kemm ukoll jekk huwa jirnexxielu jixtri u jakkwista l-istess dar, huwa ser ikollu "*cash flow strain*" tremend. Ghalhekk huwa ssuggerixxa illi jibqa' ihallas il-manteniment kull xahar u se mai ghandha tigi imposta ipoteka gudizzjarja fuq il-proprjeta` mmobbli ta' l-appellant li tista' tkun trasferita ghal fuq kull proprjeta` alternattiva li jkun jista' jixtri ghar-residenza tieghu.

11. L-appellata insistiet, u qeghda tinsisti, li l-manteniment ghat-tifla jigi kapitilizzat principalment ghal zewg ragunijiet, u cioe` li hi ghandha biza' li l-appellant jieqaf jahdem ghax qieghed jallega li ghandu kundizzjoni medika. It-tieni raguni hija li l-appellanti kemm-il darba kien qal lill-appellata li wara li jigi deciz il-kaz penali tieghu huwa kien bi hsiebu jhalli Malta. Minhabba dawn iz-zewg ragunijiet l-appellata sostniet li llum li l-appellanti ghandu l-gid, ikun fl-interess tal-minuri li l-manteniment jithallas kollu f'daqqa ghaliex altrimenti jista' jisfa pregudikat.

12. Meta l-Qorti ta' l-ewwel grad ordnat lill-konvenut, issa appellant li jhallas l-imsemmija somma globali ghall-manteniment ta' bintu, dik il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni konferita lilha mill-Artikolu 54(3) ta' l-imsemmi Kodici Civili Kap. 16. Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:
"Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, meta tigi deciza l-firda, il-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli ghall-manteniment li thallas lill-parti l-ohra, minflok dak il-

manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-parti li jkollha tircevi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-parti l-ohra, skond il-kaz."

L-ewwel Qorti dehrilha li t-talba attrici sabiex il-manteniment dovut ghall-minuri jithallas b'somma globali, li ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, kienet gustifikata u timmerita li tigi milqugha. Is-sentenza ma tispecifikax dawn ic-cirkostanzi x'kienu. Madanakollu din il-Qorti jidhrilha li fil-process hemm indizzji sufficentement gravi li juru li l-appellant qed jipprospetta li jkollu nuqqas serju fl-introjtu tieghu. Dan per ezempju jirrizulta min-nota tal-konvenut a fol. 377 tal-process. Apparti dan hemm indizzji ohrajn li juru li l-appellant seta' possibilment uza certi maniggji u manuvri biex inaqqas l-ammont tal-flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. L-attrici taghmel allegazzjonijiet f'dan is-sens fil-kaz tas-serq tal-flus mid-dar matrimonjali kif ukoll ghax-xiri tal-karozza Opel fuq isem missier l-appellant allegatament minn flus tal-komunjoni.

13. Fattur iehor li certament ma jghin xejn biex dan it-tielet aggravju ta' l-appellant jintlaqa' huwa derivat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali moghtija fil-konfront ta' l-appellant fis-17 ta' Lulju, 2006. B'din is-sentenza dik il-Qorti sabet lill-appellant mhux hati ta' l-akkuza ta' serq, li minnha lliberatu, izda sabitu hati ta' ricettazzjoni u ta' hsara volontarja u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

14. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li wzat il-Qorti ta' l-ewwel grad bl-applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 54(3) tal-Kodici Civili biex tissalvagwardja l-manteniment dovut lill-minuri tal-kontendenti. Naturalment din il-Qorti tapprezza li jkun fl-interess ta' l-appellant li l-hlas tal-manteniment isir b'rati mensili minflok b'somma globali. Madanakollu, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti jidhrilha li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-provvediment in kwistjoni li tat l-ewwel Qorti jigi

kkonfermat, in kwantu ordnat il-pagament ta' somma globali ghall-istess manteniment.

15. Kif diga` ntqal il-Qorti ta' l-ewwel grad ordnat li l-konvenut, issa appellanti, jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm13,900 bhala somma globali ghall-manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri mid-data tas-sentenza appellata sad-data li fiha l-istess minuri ssir maggorenni. L-istess Qorti ordnat li din is-somma tigi mnaqqsa minn sehem il-konvenut mir-rikavat tad-dar, sakemm il-partijiet ma jirrangawx mod iehor dwar il-modalita` tal-kaz. Il-Qorti tinnota li s-sentenza appellata semplicement ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas l-imsemmija somma globali lill-attrici minghajr ma imponiet l-ebda modalita` ta' kif l-attrici ghandha tiddisponi minn din is-somma. Evidentement dan jista' jaghti lok li jkun hemm xi forma ta' abbuz mill-attrici appellata billi hija tkun tista' tiddisponi minn din is-somma globali jew minn parti minnha biex tissalda debiti li ma jkunux tal-minuri jew li ma jkunux saru fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalkemm l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju f'dan is-sens, din il-Qorti qeghda tqajjem din il-kwistjoni *ex officio,* kif ghandha dover li taghmel skond il-ligi, sabiex hija tkun tista' tittutela ahjar l-interessi tal-minuri Ilona Portelli Brownrigg. Biex jigi raggjunt dan l-iskop din il-Qorti thoss in-necessita` li tvarja kemmxejn il-provvediment li tat l-ewwel Qorti ezattament fil-paragrafu [C] tad-dispositiv tas-sentenza appellata billi tordna li l-imsemmija somma globali dovuta mill-appellant Joseph Portelli lill-attrici Sharon Brownrigg bhala manteniment ghall-istess minuri tigi depositata f'kont fiss bankarju f'Malta f'isem l-imsemmija minuri Ilona Portelli Brownrigg. L-attrici appellata tigi awtorizzata li tisbanka minn dan l-istess kont bankarju biss is-segwenti somom ghall-manteniment ta' bintha minuri, u cioe`, kull xahar, is-somma ta' Lm100, u kull sena l-imghaxijiet annwali dovuti fuq l-istess kont. Dan il-provvediment ghandu jibqa' fis-sehh sakemm ma jkunx hemm ordni ohra ta' din il-Qorti jew ta' kwalunkwe Qorti ohra li tkun kompetenti fil-materja.

16. L-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-segwenti:

"Dwar il-krediti parafernali tal-partijiet u dwar l-assenjazzjoni tad-dar u tal-proprjeta` mmobbli, issir referenza dettaljata ghan-nota tal-konvenut, fejn sar studju sostnut permezz ta' kontabbilita` cara u trasparenti, u fejn gie suggerit illi l-proprjeta` tigi assenjata lill-konvenut bil-hlas lill-attrici tas-sehem intier taghha, bit-tnaqqis tal-krediti pruvati tal-konvenut."

17. Illi din il-Qorti wara li kkunsidrat il-provi akkwiziti fil-process ma ssibx raguni gravi bizzejjed biex tiddisturba dak li provdiet il-Qorti dwar dan l-aspett tal-kawza.

18. Il-Qorti tinnota li meta l-Qorti ta' l-ewwel grad ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali u li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet bin-nofs, hija kkoncediet lill-konvenut appellant <u>terminu ta' sena</u> biex isir tali bejgh. Dan it-terminu llum ormaj kwazi ddekorra. Barra minn dan jirrizulta li l-appellant mhux qieghed jirrisjedi fid-dar matrimonjali ghaliex fil-prezent qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija (ara para. 13 supra). F'dawn ic-cirkostanzi ma hemm l-ebda htiega li l-imsemmi terminu jigi mgedded u minflok l-imsemmi bejgh ghandu jsir immedjatament.

19. Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2006, gie verbalizzat illi d-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-klijenti taghhom ma jsibux oggezzjoni li fis-sentenza ta' din il-Qorti, iz-zewg garaxxijiet li hemm jigu assenjati wiehed lil kull parti, s'intendi tenut kont tal-valur ta' l-assi l-ohra. Jirrizulta li dawn iz-zewg garaxxijiet li jinsabu fi Plot 21 u 22 fit-Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara, ghandhom il-valur ta' Lm6,000 il-wiehed u jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-garaxxijiet m'hemmx il-htiega li jinbieghu bis-subbasta kif gie ordnat bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u la l-partijiet qablu li huma ta' l-istess valur kull parti ghandha tigi assenjata wiehed mill-garaxxijiet, liema assenjazzjoni ssir bix-xorti.

20. Ghal dawn il-motivi, tipprovdi fuq l-appell in kwistjoni billi,
1) tikkonferma *in toto* l-paragrafi segwenti tad-dispositiv tas-sentenza appellata u cioe` l-paragrafi [A], [B], [D], [G] u [I];

2) tirriforma l-paragrafu [C] tad-disposittiv tas-sentenza appellata, billi tikkonferma l-kontenut ta' l-istess paragrafu [C], b'dana pero` illi s-somma hemm imsemmija ta' Lm13,900, ghandha tigi depositata f'kont fiss bankarju f'Malta f'isem il-minuri Ilona Portelli Brownrigg, biex dan il-kont bankarju jkun operat mill-attrici appellata fl-interessi ta' l-istess minrui, skond it-termini tal-paragrafu 15 ta' dan il-gudizzju;

3) tirriforma l-kontenut tal-paragrafu [E] tad-disposittiv tas-sentenza appellata billi tikkonfermah fejn gie ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali u li r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet bin-nofs, b'dana pero` li dan il-bejgh kif imsemmi fil-paragrafu [E] tas-sentenza appellata ghandu jsir mhux fi zmien sena izda ghandu jsir immedjatament;

4) tirriforma l-paragrafu [F] tad-disposittiv tas-sentenza appellata billi tikkonferma l-kontenut kollu tieghu minbarra fejn gie ordnat li z-zewg garaxxijiet fuq Plots 21 u 22 jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinghata lill-partijiet f'zewg partijiet ugwali sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor, u minflok tordna li dawn l-istess garaxxijiet li jinsabu mibnija fuq Plots 21 u 22 fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara, jigu assenjati bix-xorti lil kull parti f'din il-kawza, cioe` lill-appellata u lill-appellant;

5) tirriforma l-kontenut tal-paragrafu [H] tad-disposittiv tas-sentenza appellata, billi tikkonferma l-kontenut kollu ta' l-istess paragrafu b'dana pero` li z-zmien xahrejn hemm stabbilit jibda jiddekorri mid-data tal-gudizzju odjern;

6) fl-ahharnett, kwantu ghal kap ta' l-ispejjez tordna li l-ispejjez inkorsi quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad jithallsu ezattament kif ordnat fis-sentenza appellata u kwantu ghall-ispejjez ta' l-odjern appell, dawn ghandhom jigu sopportati kollha kemm huma mill-appellant Joseph Portelli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------